Il-Każin tal-Banda San Ġabriel - Ħal Balzan A.D. 1920

# Gabriel Caruana

Padrun tas-Soċjeta' u Fundatur tal-Banda

# WIRJA TA' ARTI KONTEMPORANJA

50 Sena mix-Xiri tas-Sede tas-Soċjeta'
50 Sena fiċ-Ċentru tal-Komunita' ta' Ħal Balzan

SETTEMBRU 2007







# Diwi ta' Tislima

**minn Profs. Fr Peter Serracino Inglott**



Fuq il-bieb ta' kamarti, min-naħa ta' ġewwa hemm xbiha għal qalbi ħafna, xogħol mill-aktar artistiku. Hija wkoll l-ewwel ħaġa li nara kuljum malli nistenbaħ.

Mhux kull min iżurni jirnexxielu jintebaħ ma' l-ewwel daqqa t'għajn! Din l-opra tirrappreżenta 'l-Lunzjata. Iżda kulħadd, minnufih kif jaraha, jagħraf l-id ta' l-imgħallem Gabriel Caruana, imbagħad b'ħarsa fil-fond jindunaw sewwasew x'inhu s-suġġett.

Mhijiex opra taċ-ċeramika, imma kwadru (square) tal-għuda miżbugħ bl-iswed u minquxa b'linja kontinwa bajda torbot flimkien iż-żewġ personaġġi l-Anġlu u l-Madonna, bħallikieku l-istess kurrent ta' ħajja sopranaturali u l-istess enerġija li toħroġ mill-mogħdija tal-Kelma t'Alla, imwassla minn persuna waħda għall-oħra.

Dalwaqt ikunu għaddew 40 sena li ilni nikkontempla din ix-xbiha. Sa dalgħodu stess għadha tferraħni!

Ġieli nistaqsi kif xbiha daqshekk sempliċi qisha ideogramma taċ-Ċiniżi għandha setgħa li tqanqal il-moħħ u l-qalb? Dan kollu għax fiha l-forza passjonali ta' Gabriel fejn bid-daqqiet ta' l-iskalpell xellef ix-xbiha ġewwa l-għuda. Il-prodott baqa' jiddi l-proċess li bih issawwar. Hawn nintebaħ xi jkun qed jagħraf l-artist meta joħroġ minn biċċa għuda jew materjal ieħor xbiha li tkellmek u tgħaxxqek.

Forsi jien issaħħart mill-ewwel għax meta kont tifel, kont niġi Ħal Balzan għand nannti Klementa, xebba Pullicino, Balzanija u rabbietni sa miċ-ċokon fir-rabta tal-ħolqien ta' l-arti u l-ħolqien mill-ġdid tal-Bniedem li seħħ fl-Inkarnazzjoni.

Il-Professur Malti-Amerikan Victor Debattista kiteb hekk, "F'Gabriel tara x-xbiha tal-bniedem". Iva, dik hi l-kundizzjoni tal-bniedem fil-qagħda li fiha jinsab, sakemm jilħaq il-milja tal-grazzja li għandna biss il-ħjiel tagħha fil-Lunzjata.

Din l-istampa tal-bniedem u dan l-interess fid-destin profan tiegħu, jiena niftakar narah fil-karrijiet tal-Karnival li kien joħloq. Gabriel sawwar forom miżgħuda b'messaġġi li jistiednuk tgħarbilhom, sigrieti li jistaqsuk imma toħroġhom fil-beraħ biex jitgawdew. Bl-istess spirtu nsibuh fiċ-ċeramika li hawn kiseb l-aqwa isem fostna u fost il-barranin. Ħarreġ u għallem artisti li Malta tassew tiftaħar bihom. Lil dawn in-nies, Gabriel mhux biss għallimhom imma tahom l-entużjażmu, sabbarhom imma fuq kollox kebbsilhom l-immaġinazzjoni kif għadu jagħmel miegħi u ma' tant oħrajn.

Il-briju tal-Banda fil-marċ tal-festa jinstema' jidwi b'ħoss sħiħ fl-opri kollha ta' l-artist u surmast li l-arti ssawret f'Gabriel. Taħt il-wiċċ imlewwen jgħajjat, hemm aħbar mill-isbaħ. Hemm il-bxara t-tajba li wassal l-Anġlu lil Marija. Nifirħu, l-aħwa, għax Alla magħna.